# Tlaqna

## minn Francis X. Saliba

Ħriġna mill-Belt tal-Isla,
minn darna mġarrfin,
għabbejna dak li stajna,
iż-Żejtun bqajna sejrin.

Il-ftit għamara li salvajna,
sibna refuġju għand Belin,
ridna nsibu fejn noqgħodu,
sibna kenn ġo mezzanin.

Inzerta ta' Salvu Seychell,
jgħidulhom ta' Buttunija,
Triq il-Qalb ta' Ġesù,
bin-numru tmienja għoxrin.

Laqgħuna ġewwa djarhom,
tħallatna magħhom sewwa,
sirna magħhom tassew ħbieb,
iqisuna minn ta' ġewwa.

It-tfal tagħna issa kibru,
saru nisa, saru rġiel,
tħalltu ma' dawk li laqgħuna,
issa għandhom ukoll ulied.

Xtraw ukoll id-djar tagħhom,
min mar ir-Raħal ta’ Fuq,
min għażel ir-Raħal ta’ Isfel,
iż-Żejtun sirna nħobbuh.

Iż-Żejtun tfajna l-ankri,
issa għaddew bosta snin,
it-tfal iħollu u jorbtu,
miż-Żejtun mhux ħerġin.

L-iskola hawn tgħallimna,
mal-aħwa Galea, Caruana,
Mary Katie Barbara,
dawn saru l-għeruq tagħna.

issa nistgħu ngħidu,
ħaġa waħda ma’ dawn in-nies,
mal-baned Beland, Żejtun Band,
sirna tagħhom mseħbin.

Tajna ukoll sehemna,
festa ta’ raħal tagħna,
bil-mużika ta’ Carlo Diacono,
Ejjew ifirħu magħna.

Grazzi Żwieten kollha,
dawk li magħhom jien trabbejt,
bqajt ngħożż it-tifkiriet tagħhom,
id-dawn jien qatt ma nsejt.